AVVIŻ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI

# AVVIŻ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI

Reference Number: PR172257, Press Release Issue Date: Oct 05, 2017

Id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fi ħdan is-Sovrintendenza għas-Saħħa Pubblika javża li wara li ttieħdu diversi kampjuni tal-ilma baħar fl-aħħar jiem, iż-żona tal-għawm fil-bajja tax-Xlendi, Għawdex (kodiċi tas-sit D 04, D 05, D 06 u D 07) hi tajba għall-għawm u għalhekk l-avviż kontra l-għawm f'din iż-żona qed jiġi rtirat.

Għal aktar informazzjoni dwar il-kwalità tal-ilma baħar għall-għawm, il-pubbliku jista' jċempel lis-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa fuq in-numru tat-telefon 2133 7333 mit-8.00 ta' filgħodu sas-2.30 ta' waranofsinhar jew jibgħat *email* fuq mhi@gov.mt. Il-pubbliku jista' wkoll jirrikorri personalment fl-uffiċċju tal-istess direttorat li jinsab Continental Business Centre, Triq il-Ferrovija, Santa Venera. Barra dawn il-ħinijiet il-pubbliku ġentilment mitlub iċempel fuq is-sistema awtomatika 2182 7146 jew fuq il-*mobile* għal Malta numru +356 7950 9918 u għal Għawdex numru +356 7950 9919.

Il-pubbliku jista' wkoll iżur il-paġna tad-Direttorat fuq Facebook http://www.facebook.com/pages/Environmental-Health-Directorate-Malta/145027878928626 jew is-sit uffiċjali fuq https://deputyprimeminister.gov.mt/en/environmental/Pages/Health-Inspectorate/Environmental-Health-Risk-Management/Bathing-Water-Programme.aspx għal informazzjoni dwar il-kwalità tal-ilma baħar għall-għawm.